**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 43 - IT-TLIETA 23 TA' FRAR 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:38pm. Fil-ħin li kellha tibda l-laqgħa, ċoè fis-19:30, ma kienx hemm il-quorum meħtieġ minħabba li kien hemm preżenti biss erba' membri. Il-laqgħa bdiet hekk kif wasal il-Kunsillier Agius.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku (waslet fit-19:42) |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Noel Gatt | Kunsillier (wasal fit-19:40) |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal fit-19:38) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm preżenza ta' pubbliku. | |

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segratarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillier Galea kien infurmah permezz ta' email li ma setax jattendi għall-inqas għal żewġ laqgħat oħra minħabba problemi ta' saħħa. Kopja tal-email hija annessa f'A.

1.2. Is-SE informa ukoll li l-Kunsillier Sammut ma setax jattendi minħabba impenji ta' xogħol li ma setgħux ikunu posposti. Kopja tal-email hija annessa wkoll f'A.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Il-Kunsillier Sciberras ikkummenta li minħabba li l-laqgħa b'urġenza ġiet imsejħa ftit siegħat biss qabel ma saret, kien impossibbli għalih li jmexxi l-impenji li kellu, u minħabba f'hekk, ma setax jattendi għaliha.

2.3. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Gatt. Il-ħin kien 19:40.

2.4. Il-Kunsillier Sciberras ħass li għal darb'oħra l-Kunsill għandu jara kif jagħmel u laqgħa simili għandha tissejjaħ minn qabel.

2.5. F'dan il-ħin waslet is-Sindku. Il-ħin kien 19:42.

2.6. Is-SE sostna li minħabba ċ-ċirkostanzi il-laqgħa ma setgħetx tissejjaħ qabel, però wiegħed li fil-futur, kemm jista' jkun, laqgħat simili jissejħu b'ħin biżżejjed biex wieħed jipprepara ruħu.

2.7. Is-Sindku ressqet emenda f'punt numru 10.1 tal-minuti 41 fejn hemm "MEPA", għandha tiġi "TM". Il-Kunsill qabel.

2.8. Il-minuti tal-laqgħa numru 41 u tal-laqgħa b'urġenza ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 3. PUNTI MILL-MINUTI

3.1. Is-Sindku talbet għal kjarifika dwar il-punti numru 9 u 10 tal-laqgħa preċedenti. Hija saħqet fuq l-importanza li l-konsultazzjoni mar-residenti ssir fuq iż-żewġ każijiet. Is-SE żguraha li l-minuti jispeċifikaw dan u għalhekk hekk għandu jsir.

3.2. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk konsultazzjoni mar-residenti dwar punt numru 9 saritx, u jekk intbagħtitx korrispondenza lil-TM kif kien deċiz f'punt numru 10. Is-SE ikkonferma li sar dan.

## 4. SOSPENSJONI TAL-AĠENDA – LAQGĦA MAL-KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ

4.1. F'dan il-ħin kien hemm qbil li tkun sospiża l-aġenda biex il-Kunsill jiddiskuti l-proposta għall-proġett taż-żgħażagħ li kienu se japplikaw għalih. Il-ħin kien 19:53.

4.2. F'dan il-ħin intfew il-mikrofoni minħabba n-natura tad-diskussjoni.

4.3. Ir-rappreżentanti tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ ippreżentaw il-proġett tagħhom u spjegaw f'hiex jikkonsisti.

4.4. Infurmaw il-Kunsill li r-rebbieħ ikun jista' jattwa l-proġett b'baġit ta' €3000.

4.5. F'dan il-ħin tkompliet Il-laqgħa. Il-ħin kien 20:01.

## 5. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA

5.1. Is-SE fakkar il-Kunsill fil-Laqgħa tal-Lokalità, li se ssir nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu 2016.

5.2. Is-SE informa lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 25 u l-Ġimgħa 26 ta' Frar 2016 għandu jsir xogħol ta' traqqiegħ maġġuri fi Vjal il-21 ta' Settembru, li possibilment hemm ċans li jkompli wkoll is-Sibt 27 ta' Frar.

5.3. Is-SE informa li l-ispiża ġiet ogħla minn dik li kien ikkalkula l-Perit minħabba li deherlu li kellu jżid ix-xogħol minħabba la ma ħassx li jista' jsir xogħol u ma jkunx komplut jew jitħallew ħsarat. Is-SE informa li l-ispiża hija ta' ċirka €62,000. Il-Kunsill qabel.

5.4. Il-Kunsillier Cuomo infurmat li l-Laqgħa tal-Komunità ta' Baħar iċ-Ċagħaq se ssir fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju.

5.5. Is-Sindku infurmat li ġew assenjati żewġ ħaddiema tal-IPSL lir-Reġjun. Kompliet tispjega li dawn iridu jimlew rapport ta' ħidma kuljum, u jiffirmaw filgħodu x'ħin jidħlu għax-xogħol u filgħaxija x'ħin ilestu.

5.6. Is-Sindku infurmat ukoll li dawn il-ħaddiema se jkunu qed ikunu assenjati lil kull Kunsill tar-reġjun għal xahar, u l-ewwel Kunsill li se jibbenefika minnhom huwa propju il-Kunsill tan-Naxxar u wara l-Kunsill ta' Pembroke, minħabba li m'ghandhomx ħaddiema tal-IPSL permanenti assenjati magħhom.

5.7. Is-Sindku infurmat li l-proġett intitolat eMCitizen Project tat-TCTC se jkun qed japplika għalih ir-Reġjun, u minħabba f'hekk il-Kunsilli kollha tar-reġjun ikunu jistgħu jibbenefikaw minnhu b'xejn.

## 6. ĦLAS TA' KONTIJIET, RENDIKONTI FINANZJARJI U INFIQ

6.1. Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'B.

6.2. Il-Kunsill approva ukoll il-listi ta' dħul u infiq, kif annessi f'Ċ u D rispettivament.

6.3. Il-Viċi Sindku talbet li fl-aġenda li jmiss jiddaħħal is-suġġett tal-fuljett tal-Kunsill Il-Kuntatt.

## 7. PROPOSTA TA' TWESSIEGĦ TA' TRIQ IL-FORĠA

7.1. Il-Kunsillier Gatt informa li peress li f'din il-proposta hemm involuti għelieqi, li waħda minnhom hija tal-familja tiegħu, iħoss li għandu joħroġ mill-laqgħa minħabba possibilità ta' kunflitt ta' interess. Għalhekk il-Kunsillier Gatt skuża ruħu mil-laqgħa sakemm jiġi diskuss dan il-punt.

7.2. Is-SE ippreżenta l-proposta li rċieva l-Kunsill mingħand is-Sur Angelo Xuereb biex jiġu mwessgħin xi partijiet minn Triq il-Forġa. Din il-proposta hija maħsuba biex tnaqqas il-periklu hekk kif qed jiżdied l-influss tat-traffiku fiha, speċjalment issa li hemm dar tax-xjuħ fl-istess triq. Parti mill-proposta tinkludi li titwessa parti mit-telgħa tal-iskejjel sabiex issir parkeġġ għat-trasport tal-iskejjel. B'dan il-mod jitnaqqas it-traffiku miċ-ċentru minħabba li ħafna minnu jgħaddi mill-periferija.

7.3. Is-SE spjega li t-talba ma' din il-proposta hija biex il-Kunsill jagħmel pressjoni ma' TM u l-Gvern Ċentrali biex isiru l-arranġamenti skond il-proposta.

7.4. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jibgħat din il-proposta lill-awtoritajiet konċernati.

## 8. IL-BAĠIT U L-PJAN

8.1. Is-Sindku sostniet li Triq Santa Marija għandha tingħata prijorità biex issir mill-ġdid, minħabba l-istat ħażin tagħha.

8.2. Il-Kunsillier Brincat esprima li din it-triq m'għandiex tingħata daqshekk importanza u kien aktar jagħmel ġid jekk tittella' aktar il-fuq Triq il-Markiz Scicluna. Huwa qal li din it-triq għandha bżonn akbar ta' tiswija u m'għandniex inġibu skuża li m'għandniex biżżejjed fondi. Is-Sur Brincat sostna li dan qed jiġri wkoll fil-każ tal-ilmenti li l-Kunsill dejjem jgħid li m'hemmx fondi iżda meta tasal elezzjoni l-flus jinstabu u jkunu solvuti ħafna ilmenti. L-ilmenti għandhom jingħataw dejjem l-istess prijorità tul is-sena kollha u mhux meta tasal l-elezzjoni, saħaq is-Sur Brincat.

8.3. Filwaqt li diversi Kunsilliera esprimew l-opinjonijiet tagħhom, wara diskussjoni kien hemm il-qbil li t-toroq għandhom isiru skond il-lista li kienet diġà approvata mill-Kunsill fi Frar 2015 bl-eċċezzjoni ta' Vjal il-21 ta' Settembru li f'laqgħat suċċessivi kien hemm qbil li titla' fl-ewwel post.

8.4. Is-SE ippreżenta abbozz tal-Baġit u spjega li dan għandu jiġi approvat wara l-laqgħa tal-lokalità ħalli jekk jitressaq suġġeriment ta' interess ikun jista' jiġi inkluż. Saħaq li dan huwa biss abbozz u li għad irid jidħol fid-dettall fih u kif ikun qrib lejn il-finali, jgħaddilhom kopja.

8.5. Is-SE ippreżenta wkoll ir-rapport finanzjarju tal-kwart Ottubru – Diċembru 2015 iżda informa li dan kien qiegħed jippreżentah kif irċevih ftit qabel mill-accountant. Infatti huwa seta' jinnota xi figuri li ma kienx qiegħed jaqbel magħhom.

8.6. Il-Kunsill qabel li jiċċara dawn il-figuri imbagħad ikun jista' japprovah.

## 9. PRIORITAJIET GĦALL-PROĠETTI TAL-UE U PROĠETTI OĦRA

9.1. Is-SE informa lill-Kunsill li diġa hemm xi proġetti ppjanati, fosthom il-pavimentar tal-bandli, tibdil tat-tabelli tat-triq, *outdoor gym*, tabelli tal-ħwienet u tibdil tal-belisha beacons.

9.2. Is-SE issuġġerixxa lill-Kunsill li qabel ma japplika għal xi fondi ewropej, irid jidentifika eżattament x'inhuma r-responsabbiltajiet tal-Kunsill, sabiex ikun jista' japplika għal dak li verament jolqot lill-Kunsill.

9.3. Is-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jdur l-applikazzjonijiet, mir-rapport li ġie ppreżentat lill-Kunsill mis-Sinj. Anamaria Magri Pantea, u skond id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet il-Kunsill jara jekk il-proġetti jgħoddux għall-Kunsill jew le.

9.4. Il-Kunsill qabel.

## 10. TMIEM IL-LAQGĦA

10.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 22 ta' Marzu 2016.

10.2. Il-laqgħa intemmet fil-21:33.

**MARIA F. DEGUARA *MD,MMCFD***
**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**A**

Gmail

Paul Gatt <[redacted]>

## Fwd:

**Clifford Galea** <[redacted]> 10 February 2016 at 18:10
To: Paul kunsill lokali Naxxar <[redacted]>

Għażiża sindku, sħabi kunsillieri u segretarju

B'dispjaċir nixtieq ninfurmakom li minħabba raġunijiet ta' konvalexxenza relatata ma' saħti, temporanjament ma' nistax nattendi għall-laqgħat tal-Kunsill Lokali. Dan peress li fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin ser inkun qiegħed inqatta' żmien ta' mistrieħ fuq ordni tat-tabib. B hekk se nkun qed nitlef zgur zewg laqghat.

Filwaqt li nirringrazzjakom għas-sostenn u l-kuraġġ li dejjem urejtuni, nixtieqilkom kull suċċess fil-ħidma tagħkom u nħares il-quddiem għaż-żmien li nerġa ningħaqad magħkom fil-ħidma tagħna b'riżq in-Naxxar.

kif tafu dan hu ta' ghafsa ta' qalb ghalija imma ma nistax naghmel mod iehor. Nitolbok li jekk trid, tghaddi din l-e-mail lill- shabi l0-kunsillieria kollha. Awguri minn qalbi lil kulhadd....go qalbi dejjem.

Tislijiet u radd il-ħajr

Clifford Galea M.A Baroque Studies (Melit.)

Gmail by Google

**Paul Gatt** <[redacted]>

## Assenza

**Clinton Sammut Sammut** <[redacted]> 23 February 2016 at 18:34
To: "paul. b. gatt" <[redacted]>

Sur segretarju

Napologjza dwar il fatt li llum MA nistax nattendi minhabba urgenzi relatati max xoghol.

Grazzi

B

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 42

Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Data: Mil-20 ta' Jannar 2016 sas-16 ta' Frar 2016

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates Ltd | €136.60 | €136.60 | T | PF | Review of planning applications - Jan 16 | 31-01-16 | 1726 | n/a | n/a | 3130 | |
| 2 | Albert C. McCarthy | €400.00 | €400.00 | D | PF | Santa Klaws Animation for the Xmas Event Dec 15 | 15-02-16 | Nxr 1/16 | 5360 | 5360 | 3370 | |
| 3 | AMJ Legal | €177.00 | €177.00 | T | PF | Legal services - Jan 16 | 01-02-16 | 15 of 2016 | n/a | n/a | 3140 | |
| 4 | Arms Ltd | €21.40 | €21.40 | NA | PF | Electricity & water consumption bill - Old Mill [14/11/2015 till 15/01/2016] | 05-02-16 | 21669318 | n/a | n/a | 2130 | 19462 |
| 5 | Bacchus Restaurant | €810.00 | €810.00 | D | PF | Staff Xmas/ New Years dinner 2015/2016 | 22-01-16 | 16860 | n/a | n/a | 3360 | |
| 6 | Bitmac Works Ltd | €68.25 | €68.25 | K | PF | Instant road repair | 02-02-16 | 125398 | 5408 | 5408 | 2311 | |
| 7 | Bitmac Works Ltd | €22.75 | €22.75 | K | PF | Instant road repair | 11-02-16 | 125490 | 5417 | 5417 | 2311 | |
| 8 | C&C Projects Ltd | €801.80 | €801.80 | T | PF | Project Planning as per Item 3 of contract agreement No 06/2013 for Tender T02/2011. Design of the 3 options for Triq il-Markiz Scicluna in Naxxar. | 23-09-14 | 140912 | n/a | n/a | 3130 | |
| 9 | Calleja Ltd | €278.30 | €278.30 | D | PF | 2 lanterns for Maghtab chapel | 22-01-16 | 70033190 | 5402 | 5402 | 3065 | |
| 10 | Cash | €27.86 | €27.86 | NA | PF | Petty cash - end of Jan 16 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3410 | 19438 |
| 11 | Central Asphalt Ltd | €694.44 | €694.44 | T | PF | Water Services Works in the alley in Triq Zenqa | 19-01-16 | 56452 | n/a | n/a | 7501 | |
| 12 | Central Asphalt Ltd | €1,063.78 | €1,063.78 | T | PF | Water Services Works in sqaq Nru 2 in Triq is-Salib | 19-01-16 | 56450 | n/a | n/a | 7501 | |
| 13 | Central Asphalt Ltd | €1,144.22 | €1,144.22 | T | PF | Water Services Works in sqaq Nru 1 in Triq is-Salib | 19-01-16 | 56455 | n/a | n/a | 7501 | |
| 14 | Central Asphalt Ltd | €1,450.08 | €1,450.08 | T | PF | Water Services Works in sqaq Nru 6 in Pjazza Vittorja | 19-01-16 | 56453 | n/a | n/a | 7501 | |
| 15 | Central Asphalt Ltd | €27.45 | €27.45 | D | PF | Concrete slabs qty 3 'manutenzjoni ta' 3 kaptelli fi Triq Andrea Debono' | 02-02-16 | 56611 | 5407 | 5407 | 2314 | |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 | Charlene Musu | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq it-Torri tal-Kaptan | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19388 |
| 17 | Charmaine Abela | €110.00 | €110.00 | NA | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq Santa Lucija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19385 |
| 18 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street sweeping - Dec 15 | 16-01-16 | 76 | n/a | n/a | 3051 | |
| 19 | Christian Galea | €400.00 | €400.00 | NA | PF | Refund re. the appeal for T02/2014 | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 19461 |
| 20 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street sweeping - Jan 16 | 09-02-16 | 82 | n/a | n/a | 3051 | |
| 21 | Commissioner of Inland Revenue | €86.00 | €86.00 | NA | PF | arrears in FSS contributions for year ended 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 19444 |
| 22 | Commissioner of Inland Revenue | €4,629.12 | €4,629.12 | NA | PF | FSS + NI - Jan 16 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 19466 |
| 23 | Commissioner of Police | €126.96 | €126.96 | NA | PF | 2 PC for 5hrs each requested on Sun 7/2/2016 from 8am till 1pm | 16-01-16 | n/a | n/a | n/a | 3370 | 19380 |
| 24 | CV Woodworks Co. Ltd | €720.00 | €720.00 | D | PF | 2 toilet doors in marine plywood in white finish for the Naxxar Public Convenience | 05-02-16 | 301 | 5334 | 5334 | 2375 | |
| 25 | Datatrak IT Services | €48.23 | €48.23 | NA | PF | 6 pre regional tickets - Jan 16 | 31-01-16 | 1011368 | n/a | n/a | 3610 | |
| 26 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | NA | PF | Advert on Malta Govt Gazette - 24/12/2015 issue - refer to your email dated 28/01/2016 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2940 | 19433 |
| 27 | Dimbros Ltd | €396.62 | €396.62 | T | PF | Bulky refuse collection - Jan 16 | 02-02-16 | 1218 | n/a | n/a | 3042 | |
| 28 | Edinamix | €118.00 | €118.00 | D | PF | Website hosting email server www.naxxar.com (Jan 16 till Jan 17) | 25-01-16 | 2016/5 | n/a | n/a | 3110 | |
| 29 | Environmental Landscapes Consortium Ltd | €3,047.92 | €3,047.92 | T | PF | Garden maintenance - Jan 16 | 31-01-16 | 15302 | n/a | n/a | 3061 | |
| 30 | Fridericus Rex Malta Falconers | €50.00 | €50.00 | D | PF | Presence of FRMF members during the Naxxar Xmas Event Dec 15 | 06-01-16 | 101 | n/a | n/a | 3370 | |
| 31 | G4S Security Services Ltd | €300.90 | €300.90 | D | PF | Cash collection service - Jan 16 | 31-01-16 | GS013930 | n/a | n/a | 3190 | |
| 32 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract manager fee - Jan 16 | 29-01-16 | 2752 | n/a | n/a | 3130 | |
| 33 | Georgette Grech Ventura | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refundable deposit for placing machinery in Triq il-Kbira | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19450 |
| 34 | Golden Gate Co. Ltd | €84.64 | €84.64 | D | PF | Heady duty puncher | 20-01-16 | 471375 | 5396 | 5396 | 2620 | |
| 35 | Go plc | €52.87 | €52.87 | NA | PF | Telephony monthly bill - Jan 16 & rental charge - Feb 16 (21416341) | 06-02-16 | 47369515 | n/a | n/a | 2160 | 19467 |
| 36 | Go plc | €15.58 | €15.58 | NA | PF | Rental charge - Feb 16 (21416363) | 06-02-16 | 47369519 | n/a | n/a | 2160 | 19468 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 37 | Go plc | €15.58 | €15.58 | NA | PF | Rental charge - Feb 16 (21417224) | 06-02-16 | 47369421 | n/a | n/a | 2160 | 19469 |
| 38 | Grace Camilleri | €202.50 | €202.50 | D | PF | Branch librarian services - Jan 16 | 31-01-16 | Jan-16 | n/a | n/a | 2995 | |
| 39 | Image Systems Ltd | €82.59 | €82.59 | K | PF | Ink per page for the Council's photocopier - Dec 15 | 31-12-15 | FSMA/122308 | n/a | n/a | 2670 | |
| 40 | Insight Furniture | €19.50 | €19.50 | D | PF | Chip board white ghax-shutter tal-isprall fi Triq Giuseppe Stivala | 25-01-16 | 13143497 | 5400a | 5400a | 2310 | |
| 41 | J&S Store | €75.33 | €75.33 | D | PF | Kurrenti, rollers, labar tal-inxir, brown tape, etc | 05-12-15 | 7642 | 5388 & 5404 | 5388 & 5404 | 2210 | |
| 42 | Jimmy Buhagiar | €1,160.00 | €1,160.00 | D | PF | Animali ghal Xmas Event Dec 15 | 05-12-15 | 12908303 | 5353a | 5353a | 3370 | |
| 43 | John Sammut | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Vjal il-21 ta' Settembru | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19384 |
| 44 | Joseph Bartolo | €210.00 | €210.00 | D | PF | Hrs performed for dismantling xmas décor with NLC handymen | 06-02-16 | Nxr 1/16 | n/a | n/a | 3370 | |
| 45 | Joseph Portelli Attard | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Vjal il-21 ta' Settembru | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19391 |
| 46 | Jurgen Attard | €1,654.85 | €1,654.85 | T | PF | Handyman service - Jan 16 | 31-01-16 | Jan-16 | n/a | n/a | 3125 | 19436 |
| 47 | Jurgen Attard | €306.00 | €306.00 | T | PF | Ground warden - Jan 16 | 31-01-16 | 158751 | n/a | n/a | 3191 | |
| 48 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €70.68 | €70.68 | K | PF | Traffic signs | 15-12-15 | 21657 | 5307 | 5307 | 2313 | |
| 49 | Kurt Craig Caruana | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq Hans Christian Andersen | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19389 |
| 50 | Leo's Garage Paramount | €397.77 | €397.77 | K | PF | Transport service - Dec 15 | 31-12-15 | 10002390 | 5277 | 5277 | 2720 | |
| 51 | Leon Promotions | €850.00 | €850.00 | D | PF | Full organisation of the Carnival show (Naxxar Local Council's Carnival Event 07/02/2016) | 12-02-16 | G08/16 | 5385 | 5385 | 3370 | |
| 52 | Lisa Parnis Coleiro | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refundable deposit for placing machinery in Triq ir-Raheb Kurradu | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19448 |
| 53 | Louise Mamo | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq Ferdinand Von Hompesch | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19390 |
| 54 | Malta post plc | €107.27 | €107.27 | T | PF | Postage of Xmas Event Dec 15 flyers | 16-01-16 | 50785 | n/a | n/a | 2640 | |
| 55 | Malta post plc | €107.27 | €107.27 | T | PF | Postage of Carnival Event Feb 16 flyers | 01-02-16 | 51017 | n/a | n/a | 2640 | |
| 56 | Marcelline Amato | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq Giuseppe Stivala | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19386 |
| 57 | Maria Deguara | €722.56 | €722.56 | NA | PF | Mayor's allowance - Jan 16 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 58 | Melita plc | €19.98 | €19.98 | D | PF | TV monthly bill - Feb & Mar 16 | 01-02-16 | 102544683 | n/a | n/a | 2165 | 19452 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 59 | Melita plc | €97.87 | €97.87 | D | PF | Telephony monthly bill - Jan 16 (27013044) & Internet fibre power - Feb 16 | 01-02-16 | 102545425 | n/a | n/a | 2160 | 19453 |
| 60 | Nexia BT Consulting Ltd | €332.47 | €332.47 | T | PF | Accountancy service - Jan 16 | 31-01-16 | 2733 | n/a | n/a | 3160 | |
| 61 | Ozosystem Services | €408.94 | €408.94 | T | PF | Civic Centre Cleaning - Jan 16 | 31-01-16 | 2012 | n/a | n/a | 3055 | |
| 62 | Peter Paul Agius | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq Franza | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19387 |
| 63 | Prickly Pear Works | €106.20 | €106.20 | D | PF | Design & production of A4 posters "Carnival Event Feb 16" | 20-01-16 | 16002 | 5386 | 5386 | 3370 | |
| 64 | Roberta Xuereb | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refundable deposit for placing machinery in Triq il-Grecja | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19447 |
| 65 | Romina Mifsud | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refundable deposit for placing machinery in Triq Jules Verne | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19449 |
| 66 | Sammut Concrete Supplies Ltd | €34.81 | €34.81 | D | PF | Concrete C20 for culvert at Triq Giuseppe Stivala | 31-01-16 | 3945 | 5399 | 5399 | 2314 | |
| 67 | Sandro Caruana | €466.29 | €466.29 | T | PF | Cleaning of Naxxar Public Convenience - Jan 16 | 30-01-16 | Nxr_Jan16 | n/a | n/a | 3053 | |
| 68 | Silvio Skip Hire | €53.10 | €53.10 | D | PF | Hire of mini skip at BIC | 03-02-16 | 651 | 5406 | 5406 | 3046 | |
| 69 | Snowhite Laundry | €20.00 | €20.00 | D | PF | Cleaning of flags | 03-02-16 | 41213 | 5413 | 5413 | 2220 | |
| 70 | SRF & Veladrians | €6,575.20 | €6,575.20 | T | PF | Collection of mixed household waste - Jan 16 | 01-02-16 | 476 | n/a | n/a | 3041 | |
| 71 | SRF & Veladrians | €2,804.13 | €2,804.13 | T | PF | Collection of skips on wheels - Jan 16 | 01-02-16 | 477 | n/a | n/a | 3043 | |
| 72 | Staff Wages | €13,457.79 | €13,457.79 | NA | PF | Staff wages - Jan 16 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 73 | Stanisclaus Agius | €200.00 | €200.00 | D | PF | Opening of drainage blockage at the Naxxar Public Convenience | 02-02-16 | Nxr 1/16 | 5407a | 5407a | 2310 | |
| 74 | TCTC | €1,150.00 | €1,150.00 | D | PF | Learn IT agreement 2016 | 25-01-16 | 1697 | n/a | n/a | 3381 | |
| 75 | The Lighthouse Keepers | €118.09 | €118.09 | T | PF | Maintenance on street lamp | 27-01-16 | KLNX1885 | n/a | n/a | 3065 | |
| 76 | The Lighthouse Keepers | €33.08 | €33.08 | T | PF | Maintenance on street lamp | 27-01-16 | KLNX1890 | n/a | n/a | 3065 | |
| 77 | The Lighthouse Keepers | €6.62 | €6.62 | T | PF | Maintenance on street lamp | 27-01-16 | KLNX1891 | n/a | n/a | 3065 | |
| 78 | The Lighthouse Keepers | €34.82 | €34.82 | T | PF | Maintenance on street lamp | 27-01-16 | KLNX1892 | n/a | n/a | 3065 | |
| 79 | The Lighthouse Keepers | €37.50 | €37.50 | T | PF | Maintenance on street lamp | 27-01-16 | KLNX1893 | n/a | n/a | 3065 | |
| 80 | Velpa Properties | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Vjal il-Labour | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 19392 |
| 81 | Victor Mula | €1,449.00 | €1,449.00 | T | PF | Handyman service - Jan 16 | 31-01-16 | Jan-16 | n/a | n/a | 3125 | 19437 |
| 82 | Vincent Mifsud Ltd | €27.40 | €27.40 | D | PF | Power cord kit qty 3 & ropelight yellow qty 5 | 02-12-15 | Mar-19 | 5359 | 5359 | 3362 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 83 | Vittorja Band Club | €365.60 | €365.60 | D | PF | Food & beverages at the Vittorja Band Club "Dec 15" | 28-01-16 | Nxr 1/16 | n/a | n/a | 3330 | 19434 |
| 84 | Vodafone MT | €114.40 | €114.40 | D | PF | Telephony monthly bill - Jan 16 (79404014) | 01-02-16 | 5095719022016 | n/a | n/a | 2160 | 19455 |
| 85 | Vodafone MT | €103.99 | €103.99 | D | PF | Telephony monthly bill - Jan 16 (99370990) | 01-02-16 | 5098833022016 | n/a | n/a | 2160 | 19459 |
| 86 | WasteServ Malta Ltd | €4,004.44 | €2,513.71 | NA | PP | Allocated msw waste - Dec 15 (1st half) | 02-01-16 | 62216 | n/a | n/a | 3040 | |
| 87 | WasteServ Malta Ltd | €4,933.33 | €2,513.71 | NA | PP | Allocated msw waste - Dec 15 (2nd half) | 15-01-16 | 62498 | n/a | n/a | 3040 | |
| | | **€73,492.90** | **€69,582.55** | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |

**Income List for the month of January 2016** **02-02-16**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| 0000 | Spouse dinner (Council dinner) | €300.00 |
| 0000 | Appeal re. tender T02/2014 | €400.00 |
| 0020 | Commercial/directional signs | €372.66 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €76.50 |
| 0025 | Skip Permit | €390.30 |
| 0026 | Crane Permit | €2,218.92 |
| 0027 | Kiosk Permit | €23.29 |
| 0028 | Outside Activity Permit | €7.00 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €722.30 |
| 0031 | Hire of Council Hall | €93.18 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €2.90 |
| 0125 | Trenching permits | €9.32 |
| 0200 | Debtors | €1,649.28 |
| 4006 | Contractors guarantees | €2,220.00 |
| | **TOTAL** | **€8,485.65** |

**Receipts** From 16721

To 16959

**D**

**Purchase Order list for the month of January 2016** **04-02-16**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 04-01-2016 | 5387 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €100.21 |
| 06-01-2016 | 5388 | J&S Store | Roller, 2 kurrenti | €42.71 |
| 06-01-2016 | 5389 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €54.66 |
| 08-01-2016 | 5390 | Koptasin | Road signs-various | €146.70 |
| 09-01-2016 | 5390a | Ben's Hire Service | Hire of cherry picker service | €1,164.00 |
| 09-01-2016 | 5390b | Ben's Hire Service | Hire of cherry picker - dismantling of xmas lights | €250.00 |
| 11-01-2016 | 5391 | Spiral Design Ltd | 2 signs for Gnien Santa Marija tal-Angli, BIC on 5mm PVC boards | €82.60 |
| 11-01-2016 | 5392 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €54.66 |
| 13-01-2016 | 5393 | DOI | Advert on Govt Gazette "Carnival 2016" | €9.32 |
| 14-01-2016 | 5394 | CDA | Toner for printer at front desk | €44.99 |
| 15-01-2016 | 5395 | COA Ink & Toner | Toner for printer at Mayor's office | €93.18 |
| 15-01-2016 | 5396 | Golden Gate Ltd | Puncher (x200 sheets) | €84.64 |
| 18-01-2016 | 5397 | Spiral Design Ltd | Dog foul stencil | €28.32 |
| 18-01-2016 | 5398 | Police office | 2 policemen for Carnival activity 2016 | €126.96 |
| 20-01-2016 | 5399 | Sammut Concrete Supplies | Concrete for culvert at Triq Giuseppe Stivala | €68.44 |
| 20-01-2016 | 5400 | Koptasin | 2 traffic mirrors & pole | €191.90 |
| 25-01-2016 | 5400a | Insight Furniture Fittings | Chip board white ghax-shutter tal-isprall fi Triq Giuseppe Stivala | €19.50 |
| 26-01-2016 | 5401 | Reuben Seychell | Photography service for Carnival Activity 2016 | €85.00 |
| 27-01-2016 | 5402 | Calleja Ltd | Lanterns for Maghtab chapel | €278.30 |
| 27-01-2016 | 5403 | Koptasin | Traffic mirror x 90cm | €82.00 |
| 29-01-2016 | 5404 | J&S Store | Ramel, glue, brush, cement, etc | €32.62 |
| | | | **Total** | **€3,040.70** |